MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1991/1997/1

***Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza ta' Hellenic Aluminium Extrusions Industry Exalco SA***
***vs***
***Vincent u Maria Victoria konjugi Pace, Vincienne Pace, David u Sylvana konjugi Bonello.***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur nomine, wara li **ppremetta**: illi l-istanti gie kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma ta' seba' telef erba' mija u zewg liri (Lm7,402.00) salvi imghaxijiet u spejjez u dan bis-sahha ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc tal-21 ta' Gunju 1995 il-kawza fl-ismijiet "Av.Louis Cassar Pullicino noe vs Grezzju Mifsud u Vincent Pace" (Cit.Nru.1418/91/JDC); illi l-istanti interpella lill-konvenut Vincent Pace sabiex ihallas l-ammonti minnu dovuti bis-sahha ta' din is-sentenza permezz ta'ittra datata 19 ta'

Settembru 1996 u liema ittra giet segwita b' korrispondenza ohra mal-konsulent legali tieghu; illi l-istanti sar jaf recentement illi proprju ftit granet wara li kienet intbaghtet l-ittra hawn fuq imsemmija, l-imsemmi konvenut Vincent Pace assenja l-proprjeta' immobiljarj tieghu lill-uliedu u cioe' l-fond bin-numri tleta u erbghin u sitta u erbghin (43/46) fi Triq is-Sirena, l-Isla gie assenjat b' titolu ta' donazzjoni favur bintu Vincienne Pace filwaqt li l-fond numru 203, fi triq iz-Zewg Mini, l-Isla favur bintu l-ohra Sylvia Bonello b' titolu ta' donazzjoni u dan permezz ta' zewg kuntratti pubblikati fit-23 ta' Settembru 1993 fl-atti tan-Nutar John Hayman; illi din il-proprjeta' giet assenjata mill-konvenut Vincent Pace b' qerq biex jevadi l-obbligi tieghu in virtu tal-fuq imsemmija sentenza u ghaldaqstant l-istanti huwa intitolat li jannulla l-istess kuntratti a tenur tal-artikolu 1144 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Talbu** li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara illi z-zewg kuntratti hawn fuq imsemmija pubblikati tit-tnejn fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar John Hayman li in forza taghhom l-konvenut Vincent Pace fl-ewwel lok assenja b' titolu ta' donazzjoni lil bintu Vincienne Pace l-fond bin-numru tlieta u erbghin u sitta u erbghin (43/46) fi triq iz-Zewg Mini, L-Isla, u fit-tieni lok assenja lil-bintu Sylvana Bonello il-fond numru mitejn u tlieta (203) fi Triq iz-Zewg Mini, L-Isla, huma nulli u minghajr effett legali billi dawn huma vizzjati b' qerq u ghemil doluz da parti tal-konvenut Vincent Pace; bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha eccepew illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress li mhux minnu li dak li sar kien hemm fih xi element ta''qerq; salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti konfermata bil-gurament minn Vincent Pace, u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza';

Semghet xhieda bil-gurament u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. B' sentenza[1] moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-21 ta' Gunju 1995 fl-ismijiet *"L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Grezzju Mifsud et"* il-konvenut u Grezzju Mifsud li f' xi zmien kienu jzercitaw il-kummerc bl-isem tad-ditta *Horvin Steel and Aluminium Works*, kienu gew kkundannati *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici, cioe' is-socjeta' estera *Hellenic Aluminium Extrusion Industry Exalco SA*, is-somma fi flus maltin ekwivalenti ghal wiehed u ghoxrin elf u tlett mija u sebghat u sittin dollaru Amerikan (USD21,367) oltre l-imghaxijiet legali, li fic-citazzjoni l-attur indika li jekwivalu ghas-somma ta' LM7,402;

Illi mill-kontenut tal-imsemmija sentenza jirrizulta li l-konvenut Vincent Pace kien gie notifikat permezz tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern izda qatt ma kien deher f' dik il-kawza u lanqas ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet skond il-ligi, b' hekk baqa' kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi permezz ta' ittra datata **19 ta' Settembru** 1996 l-attur, filwaqt li kien gibed l-attenzjoni tal-konvenut ghall-imsemmija sentenza u l-kontenut taghha, interpellah sabiex jhallas l-ammonti hemm indikati.[2]

Illi permezz ta' ittra datata **20 ta' Settembru** 1996 il-konvenut, tramite l-Avukat tieghu, filwaqt li informa lill-attur

[1] Fol.7 et seq.
[2] Dok.B Fol.10

li fit-22 ta' Jannar 1990 permezz ta' skrittura privata n-negozju kien ghaddha kollu f' idejn l-partner tieghu Grezzju Mifsud, gharrfu *"illi hu qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni originali..".*[3]

Illi fit-**23 ta' Settembru** tal-istess sena, l-konvenuti, permezz ta' **zewg kuntratti** fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman, ttrasferew lil binthom il-konvenuta Vincienne Pace b' titolu ta' donazzjoni rrevokabbli u minghajr l-ebda kumpens, il-fond 43/46 Triq is-Sirena L-Isla dikjarat minnhom bhala li ghandu valur ta' Lm600; u bl-istess titolu trasferew lil binthom l-ohra Sylvana u lil zewgha David, konjugi Bonello, ukoll konvenuti, il-fond (dar) numru 203 sitwat fi Triq iz-zewg Mini l-Isla, bil-valur dijarat ta' Lm1,500.[4]

Illi l-attur qed jitlob ir-revoka ta' dawn iz-zewg trasferimenti, stante li, fil-fehma tieghu, saru mill-konvenuti Pace biex l-attur Vincent Pace jevadi l-obbligi tieghu naxxenti mis-sentenza fuq citata. Il-konvenut Pace nnega li kien hemm xi element ta' qerq f' dawn it-trasfermimenti maghmula minnu lill-uliedu, tant li fil-mori ta' dawn il-proceduri huwa hallas akkont tas-somma dovuta l-ammont ta' Lm1,500.

*Versjoni tal-konvenut*

Illi fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu kif ukoll fid-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti u fl-affidavit prezentat minnu, il-konvenut Vincent Pace spjega kif hu u certu Grezzju Mifsud kienu shab fin-negozju gestit minnhom that l-isem *Horvin Steel and Aluminium Works*; izda fit-22 ta' Jannar 1990 huma kienu xoljew il-partnership esistenti bejniethom permezz ta' skrittura privata[5] u ftehmnu li , filwaqt li Grezzju Mifsud ikompli n-negzoju, Vincent Pace jiehu somma ta' flus u johrog minn negozju. Ghalhekk il-konvenut qed isostni li, stante li negozju dar kollu fuq Grezzju Mifusd, li minn naha tieghu assuma r-responsabbilita' ghad-djun kollu li kien hemm, l-ammont pretiz mill-attur nomine u li ghalih tirreferi s-

[3] Dok.c fol..11.
[4] Doks.E u F Fols.13-18
[5] Dok.VP. Fol.59

sentenza precitata ghandhu jithallas kollu minn Grezzju Mifsud u mhux minnu.

Il-konvenut sostna li mhux minnu li t-traferimenti tal-imsmemija fondi lil uliedu kienu saru bi skop li jevadi l-obbligi tieghu versu s-socjeta' attrici, u spjega kif huwa kien xtara d-dar 203 fi Triq iz-Zewg Mini erbatax il-sena ilu bil-hsieb li jghaddih lil bintu Sylvana biex din tmur toqghod fih wara iz-zwieg taghha. Fil-fatt hekk sar, u din bintu u zewgha David Bonello ilhom joqghodu f' dan il-fond ghal circa tlettax il-sena. Rigward il-fond 43/46 fi Triq is-Sirena huwa spjega li dawn huma zewg kantejjen u kien xtrahom madwar ghaxar snin il-sena ilu biex fihom irabbi l-ghasafar u xi fniek, izda meta huwa ttrasferixxa l-post l-iehor lil bintu Sylvana, huwa fl-istess hin trasferixxa dan il-post lil bintu l-ohra biex *"kull wahda kull wahda tiehu xi haga"*. Huwa spjega ulterjorment li l-kuntratti kien ghamilhom f' gurnata wahda, peress li ftit ta' zmien qabel, kien tah attakk tal-qalb u konsegwentement ried li jghaddi dawn il-postijiet lil uliedu *"qabel ma jigrili xi haga".*[6] Fid-deposizjoni tieghu, il-konvenut Pace qal li huwa ma kellux proprjeta' ohra barra dawn iz-zewg fondi, *"ma kelli xejn".*[7] Ghad-domanda jekk meta kien mar ghand l-Avukat tieghu biex jirrispondi l-ittra tal-attur, huwa kienx diga' inkariga lin-Nutar Hayman biex jghamel il-kuntratti in parola, il-konvenut irrisponda *"Ma hasibx".*[8]

Il-konvenut sostna li huwa ma kienx jaf bil-kawza li kien hemm kontra tieghu *"hlief meta rcevejt l-ittra minghand l-Avukat Cassar Pullicino"*[9]

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

*Osservazzjonijiet guridici*

Illi in vena legali l-Qorti tikkonsidera s-segwenti osservazzjonijiet relevanti u opportuni: Illi l-azzjoni mressqa mill-attur nomine hija dik maghrufa bhala l-*Actio Pauliana* kontemplata fl-Artikolu 1144 tal-Kap.16. Din l-

---

[6] Fol.58
[7] Fol.38
[8] Fol.44

[9] Fol.57.

azzjoni tispetta lil u hija miftuha *"ghal kull min ghandhu azzjoni x' jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni b' mod li jista' jisperixxi tali azzjoni kull min jinsab ippregudikat bif-fatt ta' haddiehor b'atti kompjuti mid-debitur"*[10]. Huwa rimedju generiku u komprensiv moghti lil kull kreditur biex dan jesigi dak li hu dovut lilu.[11]

Illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni jiridu jikkonkorru l- zewg elementi principali: l-*eventus damni* u l-*consilium fraudis*. Illi l-gurisprudenza lokali segwiet is-segwenti principji.

L-ewwel element dak tal-<u>eventus damni</u> jgi sodisfatt bil-prova li, rizultat tal-att li qed jigi impunjat, id-debitur ikun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal- kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli. *"Biex kreditur jithalla jintervjeni f' kuntratt li fih hu ma kienx parti fl-ewwel lok, jrid juri li b' rizultat ta' dak l-att impunjat, id-debitur tieghu sar insolvibbli"*[12] Illi inoltre *"Id-duttrina u l-gurisprudenza pero' ma jinsistux li huwa l-kreditur li jrid jesawrixxi r-rimedji kollha li ghandu kontra d-debitur, izda d-debitur jista', jekk irid, ixejjen l-azzjoni paoliana billi jindika lill-kreditur assi ohra tieghu li fuqhom il-kreditur jista' jesegwixxi. Hu d-debitur li jirid juri li hu solvibbli u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tieghu hu insolvibbli"*[13]

It-tieni element dak tal-<u>consilium fraudis</u> huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal-*animus nocendi*. *"L-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qeghda tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita' tad-debitur,u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur".*[14] Il-konsapevolezza da parti tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara fid-drittijiet tal-kreditur tieghu, taghti lok

---

[10] PA (TM) ***Zammit Tabona Moira vs Silmer Limited et*** deciza 13 ta' Frar 2003; App.Civ. ***Vella Brigitte vs Vella Richard*** et deciza 27 ta' Frar 2003
[11] App.Civ. ***Bongailas Marco vs Magri John*** et deciza 15.01.2002
[12] PA. ***Bugeja vs Terribile*** deciza 7 ta' Jannar 1936 – Vol.XXIX.II.866, vide wkoll, Prim Awla (TM) PL.***Adrian Borg nomine vs Agostino Sive Winston Carbone*** nomine deciza 30 ta' Mejju 2002;
[13] Qorti Kum. ***Hare vs Diacono*** deciza fid-29 ta' Marzu 1920 – Vol.XXIV.III.789; PL.***Adrian Borg nomine vs Agostino Sive Winston Carbone*** *(supra)**;***
[14] ***Bugeja vs Terribile*** (supra)

ghal presunzjoni ta l-intenzjoni frawdolenti *"ghax min ikun jaf bl-effett ta' xi att, u b' dankollu jirid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett"*[15]*.* Izda ghajr il-prova tax-xjenza tal-effetti tal-att da parti tad-debitur, il-ligi ma tirrikjedix prova ulterjuri da parti tal-kreditur.

Element iehor li ghandu jikkonkorri u li hu relatat mal-ahhar ingredjent, huwa dak tal-*partecipatio fraudis* da parti tat-terz akkwirent. Dan l-ingredjent huwa rikjest biss fil-kaz li l-att impunjat ikun wiehed maghmul that titolu oneruz; u jikkonsisti fil-konsapevolezza da parti tat-terz akkwirent li n-negozju guridiku li ghamel mad-debitur huwa ta' hsara ghall-kreditur. Skond gurisprudenza, l-element tal-frodi tat-terz akkwirent jikkonfigura meta dan ikun jaf bil-kondizzjoni finanzjarja prekarja tad-debitur.[16] Fil-kaz ta' att that titolu gratuwitu dan l-element huwa espressament eskluz mill-ligi.

Illi l-effett ta' din l-azzjoni huwa wiehed restitutorju fis-sens li, jekk tigi sostnuta b' success, il-kreditur jitpogga fl-istess kondizzjoni li kien fiha qabel ma kien sehh l-att frawdolenti ghad-dannu tieghu.

*Osservazzjonijiet fattwali*

Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta ampjament li s-socjeta' attrici ghandha kreditu ghas-somma fuq indikata fil-konfront ta' l-imsemmi Grezzju Mifsud u tal-konvenut Vincent Pace, u li dawn gew kundannati ghall-hlas ta' dan id-debitur taghhom *in solidum*; u ghalhekk il-pretensjoni tal-attur fil-konfront tal-konvenut Pace hija legalment fondata. Jirrizulta wkoll li, li l-kreditu pretiz mill-attur huwa wiehed pekunjarju, u allura l-attur kreditur ghandu miftuha ghalih l-*Actio Paoliana*, jekk jipprova l-esistenza tal-elementi fuq indikati.

L-*eventus damni* - Dwar dan l-element il-Qorti tosserva li mill-provi rrizulta sodisfacentement li bil-kuntratti maghmula minnu l-konvenut rrenda ruhhu insolventi jew aktar insolventi. Fix-xhieda tieghu huwa ammetta li ma kellu xejn aktar hlief dik il-proprjeta'; u dan, apparti mill-

---

[15] App. Civ. ***Vella Brigitte vs Vella Richard*** *(supra)*
[16] Prim Awla ***Chircop vs Mifsud*** deciza 25 ta' Jannar 1954 – Vol.XXXVIII.II.424

konsiderazzjoni li huwa naqas li jusufruwixxi mid-dritt tieghu li jeccepixi l-*beneficium escussionis* u jindika b' nota prezentata fl-atti tal-kawza, assi ohra ta' valur sufficjenti biex jissodisfa l-kreditu tal-attur. F' din il-kawza, la l-konvenut debitur u lanqas il-konvenuti l-ohra ma ssollevaw dan il-beneficju, u allura in mankanza ta' dan, hija legalment gustifikata l-konkluzjoni li l-konvenuti Pace m' ghandhomx assi ohra biex jaghmlu tajjeb ghad-dejn taghhom. Ghaldaqstant dan l-element jirrizulta sodisfacentement provat.

*Consilium fraudis* – Rigward dan l-element il-Qorti tosserva li mill-provi rrizulta *ab adundantia* li l-konvenut Vincent Pace, meta ghamel d-donazzjonijiet fuq indikati, kien pienament konsapevoli tal-fatt li s-socjeta' attrici kellha fil-konfront tieghu kreditu fl-ammont fuq indikat liema kreditu kien gie kanonizzat bis-sentenza precitata; kif ukoll, kien pienament konsapevoli tal-fatt li bit-trasferimenti in disamina huwa kien qed jippregudika lil dan il-kreditur billi kien qed jirrendi insolvibbli, jew ahjar, aktar insolvibbli il-patrimonju tieghu. Fil-fatt mill-provi rrizulta li, ghalkemm il-postijiet kien ilu li xtrahom diversi snin, huwa ghamel l-imsemmija kuntratti tlett tijem biss **wara** li sar jaf bis-sentenza moghtija kontra tieghu.

In propositu il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz, irrizulta mhux biss li l-konvenut kien jaf li qed jigib fix-xjen il-partimimonju tieghu, izda c-cirkostanzi ta' dan il-kaz iwasslu necessarjament ghall-konkluzjoni logika li huwa ghamel dawn id-donazzjonijiet lil uliedu proprju minhabba dik s-sentenza, u biex jipprova jevita li dik il-proprjeta' sservi biex l-kreditur tieghu jissodisfa parti mill-kreditu tieghu. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-konvenuti li t-trasferimenti ma sarux b' element ta' qerq, hija, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dghajjfa, insostenibbli logikament u ampjament inattendibbli.

Illi fil-kaz in disamina gia la darba rrizulta li t-trasferimenti saru b' titolu gratuwitu, mhux rikjesta l-prova tax-xjenza da parti tat-terz akkwirent, u cioe' li l-konvenuti lohra kienu konxju tal-fatt li in-negozju guridiku li kienu ghamlu kien ta' hsara ghall-kreditur. L-Artikolu 1144 fis-sub inciz (3)

jeskludi l-prova tal-*partecipatio fraudis* meta l-att ikun sar that titolu gratuwitu, bhal fil-kaz in ezami.

*Konkluzjoni*
Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-talb attrici hija gustifikata u hija fondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha.

***Decide***
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa r-rigett tal-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara li z-zewg kuntratti fuq imsemmija pubblikati t-tnejn fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar John Hayman li in forza taghhom il-konvenut Vincent Pace fl-ewwel lok assenja b' titolu ta' donazzjoni lil bintu Vincienne Pace l-fond bin-numri tlieta u erbghin u sitta u erbghin (43/46) fi Triq is-Sirena L-Isla, u fit-tieni lok assenja lil bintu Sylvana u lil zewgha David Bonello il-fond numru mitejn u tlieta (203) fi triq iz-Zewg Mini l-Isla huma nulli u minghajr effett legali billi dawn huma vizzjati b' qerq u ghemil doluz da parti tal-konvenut Vincent Pace; bl-ispejjez kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------